**GHAWDEX**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 30 ta' Novembru 2018**

**Rikors Numru 2/2015**

**Magistrat Dottor Dennis Montebello**

**Vs**

1. **Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vettura Vintage mahtur mill-Awtorita tat-Trasport f' Malta**

**u**

2. **L-istess Awtorita tat-Trasport f' Malta ghal kull interess li jista jkollha**

**u**

3. **Il-Ministru tal-Finanzi ghal kull interess li jista jkollu**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat mill-**Magistrat Dottor Dennis Montebello** fit-2 ta' Dicembru 2015 fejn gie premess is-segwenti:-

*"Illi b' applikazzjoni (VEH 15) tat-28 ta' Ottubru 2015, ir-rikorrent talab lill-kumitat intimat, il-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vettura Vintage fi hdan Trasport Malta, sabiex jikklassifika l-vettura tieghu, Triumph GT6 MK II, manifatturata fis-sena 1971 u bin-numru ta' registrazzjoni KBI 274, bhala Vintage Vehicle a tenur tal-Artikolu 25 tal-Att 368 tal-Ligijiet ta' Malta. L-applikazzjoni kienet munita bid-dettalji u ritratti kollha rikjesti u r-ricevuta relattiva rilaxxjata qed tigi esibita bhala Dokument 1.*

*Illi b' ittra datata 6 ta' Novembru 2015 (kopja esebita bhala Dokument 2), izda impostata fil-11 ta' Novembru 2015 kif jirrizulta mit-timbru postali fuq il-busta relattiva (kopja esebita immarkata bhala Dokument 3) u li r-rikorrenti rcieva fit-12 ta' Novembru 2015, l-intimat kumitat informa lir-rikorrent li l-applikazzjoni tieghu giet michuda ghaliex irrizultalhom li l-vettura kellha :*

*(a) "customised roof"*
*(b) "dirty, shabby and rusty engine and engine bay".*

*Illi l-esponent hass ruhu aggravat b' din id-decizjoni tal-VVCC, ghaliex id-decizjoni la hi bbazata fuq fatti li effettivament jirrizultaw u ghaliex lanqas ma giet preceduta b' ezami tal-kaz kif jixraq u mhix imsejsa fuq interpretazzjonijiet teknici korretti.*

*Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti.*

*Illi mhux minnu li l-magna jew l-ispazju ta' madwarha huwa mahmug, 'shabby' u msaddad. Il-vettura tintuza regolarment u l-presenza ta' xi ftit trab jew zjut hija normalissima f' kull vettura fuq it-triq u r-rikorrent meta suppost qed jitratta ma membri ta' kompetenza u professjonalita fil-kumitat fejn gew imlahhqa ma hassx il-htiega li jgib kollox ileqq ghall-iskopijiet biss tar-ritratt lil VVCC.*

*Illi zgur mhux certifikat ta' operat gust il-fatt li l-intimati inkludew dan il-fatt bhala bazi ghac-cahda tal-applikazzjoni meta effettivament ir-ritratti kellhom jindikaw lil min hu kompetenti illi l-magna u dak kollu ta' madwarha huwa assolutament kollu originali kif mahrug mill-impjant ta' assemblagg Malti – Malta Car Assembly Ltd u ghalhekk ma seta qatt jissejjah 'shabby' u jekk dejjaqhom xi ftit zjut, ma kienx ikun barra minn loku li, qabel id-decizjoni jitolbu xi tindifa metikoluza u ritratti relattivi. Fuq kollox jekk kellhom xi dubbju fuq is-sadid u xi inezattezzi kien ikun jixraq li jitolbu xi skjarimenti jew anke li jaghmlu ispezzjoni serja tal-vettura, kif kontemplat fl-imsemmija ligi, qabel ma jwarrbu l-applikazzjoni tant sommarjament.*

*Illi l-istess kumitat intimat izda ghazel li jzid bazi ohra ghar-rifjut – dak ta' 'customised roof', fis-sens li qed jallegaw li l-vettura kellha s-saqaf taghha differenti minn dak originali u l-'customisation' jindika li l-vettura saret iktar konformi mal-preferenzi, idejat u gosti tar-rikorrent, milli ma dawk tal-manifattur originali.*

*Illi din hija ghal kollox asserzjoni gratuwita u mhux bbazata la fuq fatti, la fuq teknika u lanqas fuq is-sens komun. Infatti l-intervent tar-rikorrent fuq is-saqaf tal-vettura kien appuntu qatgha wahda biss, biex wara li jinhallu l-viti tal-manifattur sezzjoni tas-saqaf setghet tinqala u terga titpogga u bis-saqaf f' postu (kif inhu llum u kif jidher fir-ritratti esebiti) il-vettura tkun ezattament fl-istess forma, kundizzjoni u gosti ta' min iddisenjaha u immanifatturaha.*

*Illi dan l-intervent intaghzel mir-rikorrent biex ikun hafna inqas intrusiv mill-intervent accettabli kullimkien ta' stallazzjoni ta' 'sun roof' fejn is-saqaf jigi permanentament rovinat u l-kambjament dejjem visibli. Infatti l-intervent tar-rikorrent kien possibli ghaliex il-manifattur kien infatti iddisinja ic-chassis appuntu biex jippermetti ir-rimozzjoni tas-saqaf, anke ghal kollox, u l-istess 'chasis' tal-GT6 kien iservi ukoll ghall-vetturi Spitfire u Vitesse li kienu jigu manifatturati bla saqaf. Tajjeb li jigi rilevat ukoll li s-saqaf originali jintrabat mal-'windshield frame' permezz ta' viti li huma l-istess identitici li uza r-rikorrent biex reggha rabtu.*

*Illi nonostante li dan l-intervent ma jirrizultax mill-applikazzjoni ghaliex kien diga reintegrate u l-vettura hija l-istess kif kienet originali, l-intimat kumitat minghajr ebda inklinazzjoni li jinvestiga dak li hu ddetermina bhala 'customisation' jew almenu biex jifhem sew l-estensjoni tal-istess intervent u jikkunsidrah mill-lat tekniku u estetiku, ghadda minnufih biex jichad il-klassifikazzjoni tal-vettura tar-rikorrent presumibilment ghaliex lanqas ma apprezza li l-vettura in kwistjoni hija probabilment l-unika GT6 MK II li nbniet f' Malta li ghada fl-istat originali kemm minn barra kif ukoll minn gewwa, li ghadha imzejna bil-marka distintiva originali tal-Malta Car Assembly u li ghalhekk ghandha parti fl-istorja awtomobilistika ta' Malta.*

*Illi f' tentattiv ahhari biex iwassal ghand il-kumitat intimat id-debiti skjarimenti, nonostante li ma hassewx il-bzonn taghhom, ir-rikorrent kiteb lill-intimati ittra u email fis-27 ta' Novembru 2015 b' dokumenti annessi, liema ittra qed tigi esebita fl-intier taghha bhala Dokument 4 bir-ricevuta relattiva mmarkata Dokument 5.*

*Illi r-rikorrent ma rcieva ebda risposta u billi hass ruhu aggravat bid-decizjoni imsemmija tal-kumitat intimat, ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, kellu jinterponi dan l-appell lil dan l-Onorabbli Tribunal.*

*Ghaldaqstant filwaqt li jaghmel referenza ghall-fatti u dokumenti hawn fuq indikati u ghall-inkartament relattiv ghan l-intimati u jirriserva li jipproduci dawk il-provi l-ohra kollha li jkunu rikjesti u permessibli, ir-rikorrent jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal li ghal dawn ir-ragunijiet u r-ragunijiet l-ohra kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-istess rikors, jghogbu jirrevoka id-decizjoni tal-kumitat intimat tas-6 ta' Novembru 2015 u jordna il klassifikazzjoni bhala vintage (jew kwalunkwe klassifikazzjoni applikabbli) tal-vettura tar-rikorrent, Triumph GT6 MK II, manifatturata fis-sena 1971 u bin-numru ta' registrazzjoni KBI 274 bhala Vintage Vehicle a tenur tal-Artikolu 25 tal-Att 368 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Ra r-risposta tal-**Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage u tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fil-11 ta' Dicembru 2015 li permezz taghha eccepew is-segwenti:-

"

1. *Preliminarjament, l-intimat Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage mahtur mill-Awtorita ghal-Trasport f' Malta ma ghandu ebda personalita guridika skond il-ligi u ghalhekk ghandu jigi liberat ab observantia.*
2. *Preliminarjament ukoll qed titqajjem l-eccezzjoni ta' res judicata stante illi l-istess appellant u cioe l-Magistrat Dottor Dennis Montebello kien diga ghamel applikazzjoni mal-intimata Awtorita tat-Trasport Pubbliku (eadem persona) dwar l-istess vettura*

*(eadem res) li kien giet rifjutata ghall-istess raguni (eadem causa petendi) u cioe minhabba li kienet saret 'customisation'. Kopja tal-applikazzjoni u tar-rifjut qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Doks. 'A' u 'B'.*

3. *Illi, fil-mertu, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, id-decizjoni appellate hija gusta, korretta u timmerita konferma stante illi l-vettura de quo agitur ma tistax tigi klassifikata bhala vintage vehicle stante li, bil-customazation maghmula li znatura l-mudell oltre l-fatt illi l-magna tal-istess vettura mhix mizmuma fi stat tajjeb izda hija mahmuga u bis-sadid, tali vettura ma tissodisfax il-kriterji stabbilit la skond il-ligi u lanqas skond il-guidelines tal-Awtorita (liema guidelines huma pubblici u jinsabu fil-website tal-Awtorita oltre illi hemm referenza ghalihom anke fl-istess applikazzjoni) – kopja tal-imsemmija guidelines tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'C'. Dan kollu kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Ra illi l-Ministru tal-Finanzi ma pprezenta l-ebda risposta;

Ra illi fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2016 ir-rikorrent ceda r-rikors fil-konfront tal-Ministru tal-Finanzi;

Ra l-atti kollha;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghal sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kumitat intimat illi l-applikazzjoni tieghu sabiex il-vettura tal-ghamla Triumph GT6 MK II bin-numru ta' registrazzjoni KBI 274 tigi kklassifikata bhala vettura *vintage* kienet giet michuda peress li l-istess vettura kellha "customised roof" u kellha "dirty, shabby and rusty engine and engine bay".

Illi mill-*file* esebit mill-Awtorita` intimata jirrizulta illi l-vettura in kwistjoni giet manifatturata fl-1970. Jirrizulta wkoll illi fl-2006 ir-rikorrent kien issottometta applikazzjoni mal-Awtorita` dwar it-Trasport sabiex il-vettura *de quo* tigi kklassifikata bhala *vintage*. Din l-applikazzjoni giet ikkunsidrata minn *panel* li kien mahtur apposta biex jikklassifika tali vetturi. L-istess applikazzjoni kienet giet rifjutata stante li l-vettura kienet giet *customised*.

Illi l-Awtorita` intimata pprezentat ukoll il-linji gwida mahruga minnha sabiex vettura tkun tikkwalifika bhala *vintage*. Ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' *body* u *chassis* dawn il-*guidlines* jghidu hekk :

*"**3.1 Body and Chassis***

*No major modifications are allowed save for the exceptions listed below. No lengthening or shortening of the body or chassis exept in line with factory specifications. The vehicle must appear exactly as a siilar model left the factory and/or factory approved modifier and must reflect the period in question."*

L-intimati pprezentaw ukoll lista' ta' vetturi tal-ghamla GT6 li gew kklassifikati bhala *vintage* u wkoll indikaw liema minnhom kellhom *sun roof*.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa akkwista l-vettura in kwistjoni fl-1971 u baqa' juzaha tul dawn is-snin kollha. Jispjega illi xi snin ilu kienet harget skema ta' registrazzjoni tal-vetturi klassici u huwa kien applika. Pero` din l-applikazzjoni kienet giet rifjutata peress li l-vettura in kwistjoni kellha *customised roof*. Ir-rikorrent jispjega illi huwa kien sorpriz b'din id-decizjoni stante illi *customisation* tfisser illi wiehed ikun immodifika l-vettura bhal perezempju jcekkinha jew ikabbarha. Jispjega li huwa kull ma ghamel kien li qala' s-saqaf u jerga' jpoggih f'postu meta jrid . Meta dak iz-zmien staqsa jekk il-kumitat ta' evalwazzjoni kienx jaccetta vetturi klassici li jkollhom *sun roof* huma wegbuh fl-affermattiv. Jispjega li meta kien applika l-ewwel darba ma jafx jekk kienx jezisti xi tip ta' appell mid-decizjonijiet tal-Kumitat intimat.

**Albert Pisani**, membru tal-Kumitat intimat, spjega illi l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet giet rifjutata peress (i) li s-saqaf kien maqtugh min-nofs trasversalment u (ii) li l-magna u l-*engine bay* ma kinux mizmuma fi stat tajjeb u konformi mal-istat originali tal-vettura b'mod li jirriflettu l-ispirtu ta' vettura *vintage*. Jghid li l-mudell originali ta' din it-tip ta' vettura kien gie manifatturat bis-saqaf shih u mhux maqsum transversalment. Jispjega li f'dan il-kaz il-Kumitat ma kellux ghalfejn jaghmel spezzjoni vizwali *siccome*` r-ritratti kienu juru *customisation.*

In kontro-ezami x-xhud spjega li l-filosofija tat-Triumph meta harget il-vettura in kwistjoni kien li ma jkollhiex *sun roof* ghaliex huma diga kellhom mudelli li kienu *convertible*. Jispjega li fir-rigward tal-magna kien jidher ammont ta' zejt hiereg u certu sadid fil-komponenti. Mistoqsi jekk it-Triumph qattx ghamlu GT6 bis-*sun roof* ix-xhud wiegeb li le.

**Stephen Zahra**, membru tal-Kumitat intimat, spjega li l-vetturi tal-marka Triumph GT6 jigu manifatturati bis-saqaf fiss, filwaqt li l-mudell Triumph Spitfire ghandu s-saqaf li jista' jinqala'. Jispjega li meta l-vettura in kwistjoni jkollha s-saqaf maqlugh tkun saret bidla fundamentali u kwindi tkun saret *customisation.* Mistoqsi mir-rikorrent jekk allura meta wiehed jaqta' *sun roof* fuq l-istess mudell ta' vettura din tkunx bidla radikali bhal ma x-xhud stqarr li sar fuq il-vettura in kwistjoni, ix-xhud spjega illi dik ma tkunx bidla radikali u li dik kienet l-uzanza dak iz-zmien li kienu jsiru dawn it-tip ta' *sun roofs.* Mistoqsi jekk kienx konxju li d-ditta Triumph qatt ma harget GT6 bis-*sun roof*, ix-xhud qal li ma kienx konxju pero hemm probbabilita` kbira li bhala ditta ma hargitx GT6 bis-*sun roof.* Ix-xhud spjega li bil-modifiki li ghamel ir-rikorrent huwa mar *oltre* il-*guidelines* ta' x'wiehed jista' jaghmel u fl-istess hin jippreserva l-karattru ta' vettura *vintage*.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur), vettura *vintage* tfisser "**vettura awtentika u ġenwina li jkollha tletin sena jew aktar (li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura), kif ċertifikata mill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage, li tkun miżmuma fi stat li jkun qrib kemm jista' jkun possibbli tal-istat oriġinali kif ikun ipproduċiha l-manifattur u li tkun tirrispetta l-ispirtu tal-preservazzjoni ta' vetturi klassiċi u *vintage*.**"

Illi applikazzjoni sabiex vettura tigi kklassifikata bhala *vintage* tigi skrutinata mill-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage*, liema Kumitat huwa mahtur mill-Awtorita` intimata u kostitwit minn "*chairperson u tliet membri, li kollha għandu jkollhom il-kompetenza teknika meħtieġa, li l-funzjoni tiegħu tkun li –*
***(a) jiddeċiedi jekk vettura għandhiex tiġi klassifikata bħala vettura vintage;***
*(b) jiddeċiedi jekk vettura vintage għandhiex ħamsin sena jew aktar (li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura);*
*u*
*(ċ) jikkalkula l-valur tar-reġistrazzjoni ta' vettura bħal dik għall-fini li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas fuq vettura bħal dik, jekk tkun applikabbli.*"[1]

Illi ghalhekk dan il-Kumitat jirrizulta li qieghed iservi funzjoni mghoddija lilu mill-Awtorita` intimata u ghalhekk hija l-Awtorita` intimata li ghandha tirrispondi

[1] Artikoluu 2 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta

ghad-decizjonijiet tieghu. Kwindi l-Kumitat *per se* m'ghandu l-ebda personalita` guridika u ghalhekk qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tar-*res judicata* it-Tribunal iqis li din hija manifestament infondata. Mid-decizjoni appellata jirrizulta illi kienet l-istess Awtorita` li nfurmat lir-rikorrent li kellu dritt jappella minn tali decizjoni. In oltre kif hemm imnizzel ukoll fl-istess decizjoni, id-decizjoniijiet tal-Kumitat jistghu jigu riveduti minn zmien ghal zmien skont ic-cirkostanzi. Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghdha tigi michuda.

Illi fil-mertu, biex vettura tigi kklassifikata *vintage* trid tigi segwita l-procedura stabbilita f'artikolu 25 tal-Kapitolu 368 hawn fuq citat, u cioe`:

*"(1) Is-sid ta' vettura bil-mutur li jkollha tletin sena jew aktar, li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura tagħha, jista', wara li jħallas id-dritt stabbilit mill-Awtorità, jibgħat applikazzjoni lill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage fuq il-formola preskritta biex dik il-vettura, kemm jekk diġà reġistrata f'Malta jew jekk tkun ġiet impurtata jew miġjuba f'Malta iżda ma tkunx għadha ġiet reġistrata f'Malta, tiġi klassifikata bħala vettura vintage.*

*(2) Biex tiġi klassifikata bħala vettura vintage, vettura bil-mutur trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:*

*(a) il-vettura bil-mutur għandu jkollha* ***tletin sena jew aktar*** *li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura tagħha;*

*(b) il-vettura bil-mutur għandha tkun fi stat li jkun, kemm jista' jkun,* ***viċin l-istat oriġinali tagħha kif ikun ipproduċiha l-manifattur****; u*

*(ċ) il-vettura bil-mutur tkun ġiet* ***miżmuma fi stat li jirrispetta l-ispirtu tal-preservazzjoni ta' vettura vintage****.*

*(3) Il-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage għandu jeżamina kull applikazzjoni biex jiddeċiedi jekk vettura bil-mutur bħal dik tkunx tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fis-subartikolu (2).*

*(4) F'każ li l-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage iħoss li jkun jeħtieġ xi informazzjoni addizzjonali, kjarifiki u, jew dokumenti mingħand l-applikant qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni, huwa għandu jitlob lill-applikant biex jagħti dik l-informazzjoni addizzjonali u, jew dokumentazzjoni u biex jagħmel il-kjarifiki kif ikun mitlub u l-kumitat għandu mbagħad jgħaddi biex jiddeċiedi billi jew jaċċettaha jew jirrifjutaha."*

Illi ghalkemm id-decizjoni appellata ssemmi zewg ragunijiet ghala l-applikazzjoni tar-rikorrenti giet rifjutata, jirrizulta illi l-vera kontestazzjoni hija dwar il-qasma trasversali li hemm fis-saqaf tal-vettura in kwistjoni. It-Tribunal jifhem illi r-

raguni tar-rifjut l-ohra, u cioe` illi l-magna u l-madwar huwa *shabby* u mahmug, huwa xi haga li tista' facilment tigi rimedjata.

Illi in vista tan-natura teknika tal-materja, it-Tribunal ihoss li huwa utili jiccita dan il-bran mill-Wikipedia dwar l-evoluzzjoni tal-mudell Triumph GT 6 u cioe`: *"In early 1963 Giovanni Michelotti was commissioned by Standard-Triumph to design a GT version of their recently introduced Spitfire 4 (also designed by Michelotti). An unmodified Spitfire 4 was delivered to Michelotti's design studios in Italy and late in 1963 the prototype Spitfire GT4 was returned to England for evaluation. The styling of the vehicle was a success but the extra weight of the GT bodyshell resulted in extremely poor performance from the Spitfire's 1,147 cc (70 cu in) power unit, and plans for producing the Spitfire GT4 were shelved.*

*Michelotti's fastback design for the Spitfire GT4 prototype was adopted by the Triumph racing programme for the 1964 season, as it was deemed to provide an aerodynamic benefit over the standard Spitfire body shape. Fibreglass copies of the Spitfire GT4's fastback were grafted on to the race-modified Spitfires destined for competition. The Spitfire racing programme was successful, and in 1965 resulted in 13th overall and a 1st in class at the prestigious 24 Hours of Le Mans (beating their main rivals, the MG Midgets). The Spitfire's competitive success and the continuing commercial success of the production vehicle led Triumph to re-evaluate its shelved plans for a GT version of the Spitfire. To overcome the lack of performance inherent in the heavier body style the Spitfire's 4-cylinder engine was replaced with the more powerful 2-litre (1998 cc) 6-cylinder engine from the Triumph Vitesse (which shared a similar chassis with the Spitfire and Triumph Herald). The car was further developed and refined and eventually launched as the Triumph GT6 (dropping the "Spitfire" prefix) to emphasise its GT styling and its 6-cylinder engine.*

*Contemporary Triumph marketing advertised the GT6 as being developed from the "race winning Le Mans Spitfires" to capitalize on their aesthetic similarities, whereas the Le Mans Spitfires and the GT6 were actually two entirely separate development programmes (the GT programme pre-dating the racing programme). However, the marketing spin was so successful that many people erroneously believed the Le Mans Spitfires to actually be GT6s."*

Illi da parti taghhom il-membri tal-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage* qeghdin isostnu li l-qasma li ghamel ir-rikorrent fis-saqaf tal-vettura tieghu tiskwalifikah milli jirregistra l-istess vettura bhala *vintage*, u dana ghaliex fl-opinjoni taghhom saret *customisation* u kwindi l-vettura ma thallietx fl-istat u spirtu li l-manifattur taghha riedha. Huma jsostnu li t-Triumph diga kellha vettura *convertible*, u cioe` l-Spitfire, u ghalhekk bil-GT6 huma riedu joholqu xi haga differenti u kwindi ghamluha b'saqaf shih u fiss. Min-naha l-ohra, ir-rikorrent isostni illi huwa m'ghamel l-ebda *customisation* ghaliex il-vettura ghandha kollox originali. Jispjega li s-saqaf tal-istess vettura jintrabat b'boltijiet u kwindi jista' jerga' jpoggi s-saqaf f'postu meta jrid jekk jaqilghu. Meta mistoqsija kif GT6s bis-*sun roof* gew ikklassifikati bhala *vintage*, il-membru tal-Kumitat intimat qal li din ma hix *customisation* ghaliex hija xi haga li fiz-zmien kienet giet accettata.

Illi dan it-Tribunal iqis li kemm dak li ghamel ir-rikorrent u kemm meta persuna taghmel *sun roof* jinvolvi qtugh ta' saqaf. Bid-differenza, illi fil-kaz ta' *sun roof* il-vettura tispicca b'parti sostanzjali tas-saqaf mibdul, filwaqt li fil-kaz odjern is-saqaf ma tnehha xejn minnu. Illi dan it-Tribunal qara l-artikoli pprezentati mill-intimati fejn anke jitrattaw il-kwistjoni tas-*sun roof* u li din tidher li anke giet "approvata" mid-ditta Triumph. Pero` mbaghad stranament wiehed ma' jsibx is-*sun roof* bhala accessorju fil-lista ta' accessorji ufficjali tal-istess vettura. Iktar minn hekk, Alfred Pisani, membru tal-Kumitat intimat jafferma illi t-Triumph ma kinux ghamlu l-GT6 bis-*sun roofs* u li lanqas il-*Webasto*, li kienet *accessory maker,* ma accettat li taghmel *sun roof* ghall-mudelli GT6.[2]

It-Tribunal ra wkoll il-*guidelines* esebiti li minnhom jirrizulta illi l-Kumitat intimat jista' jikkonsidra modifikazzjonijiet li jistghu, jekk ikun hemm il-htiega, jitreggghu lura ghall-kundizzjoni originali taghhom. Illi fil-kaz tas-*sun roofs* din il-haga hija xi ftit difficli biex terga' ssir anke minhabba li l-*upholstery* tkun intmesset mhux hazin bil-qata' fis-saqaf. Mhux l-istess pero` jista' jinghad ghall-modifika tal-vettura in kwistjoni stante li fl-eventwalita` li s-saqaf jinqala' dan jista' jerga' jigi mpoggi f'postu u marbut bil-boltijiet originali tieghu.

Illi mil-linji gwida esebiti ma hemm l-ebda definizzjoni skjetta ta' xi tfisser *customisation*. Pero` fl-istess linji gwida wiehed isib diversi ezempji ta' x'inhu accettabbli u x'mhux accettabbli. Perezempju huwa accettabbli illi "*A Morris 1000 2-door converted from saloon to convertible using the special stiffening kit with the proper folding hood. Conversion is indistinguishable from the original factory model and only a marque expert would notice the difference, if at all."* Mhux accettabbli pero` illi "*an applicant vehicle which has had its roof removed to be made into a convertible in a way that the Morris factory never did."* Illi f'dan il-kaz ir-rikorrent issottometta li d-ditta Triumph kienet immanifatturat vetturi b'kuncett simili ghal dak esegwit minnu. Infatti, f'artikolu esebit mir-rikorrent immarkat bhala Dok GT a fol. 119 insibu illi certu Blake Z. Rong kiteb illi "*turning a convertible into a coupe is much more difficult than turning a coupe into a converible, but the results are usually worth it. In 1963, Standard-Triumph's engineers sent a Spitfire convertible, then hardly a year into production, to longtime Triumph booster Giovanni Michelotti. The Italian designer returned with a dramatic fastback design, long and sleek and nearly Porsche like, one that only improved with age.*[3]*"* Illi mill-bran citat iktar 'il fuq mill-Wikipedia, u anke

---

[2] Xhieda ta' Albert Pisani a fol. 79 tal-process. Dan kuntrarjament ghal dak imnizzel fil-letteratura esebita mill-intimati a fol. 111 tal-process

[3] U dana b'referenza ghat-Triumph GT6

minn dak sottomess da parti tar-rikorrenti, il-mudell GT6 kien l-evoluzzjoni tal-Spitfire, liema mudell kien wiehed *convertible*.

Illi iktar minn hekk, mill-ezempji murija fl-istess linji gwida tal-Awtorita` intimata, it-Tribunal jifhem illi biex jinghad li saret *customisation* irid ikun hemm kambjament pjuttost radikali Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-qtugh ta' *sun roof* huwa bidla ferm iktar radikali milli s-saqaf jinqala' u jerga' jitwahhal skond il-bzonn. B'*sun roof* wiehed definittivament ikun nehha bicca mis-saqaf u rrimpjazzah b'materjal li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kumplament tal-*body* u c-*chassis* tal-istess vettura. F'dan il-kaz, ir-rikorrent m'ghamel xejn minn dan. Il-fatt li hawn izjed GT6s bis-*sun roof* u li forsi l-istess *sun roof* maz-zmien gie accettat ma jfissirx illi ghax ir-rikorrent kien originali mar lil hinn mill-istess spirtu tal-manifattur. Il-fatt li forsi r-rikorrent kien uniku f'dak li ghamel m'ghandux ikun il-kundanna tieghu sabiex il-vettura tieghu ma tigix kklassifikat bhala *vintage*. Il-ligi nnifisha trid li l-vettura tkun **viċin l-istat oriġinali tagħha kif ikun ipproduċiha l-manifattur. Zgur dak li esegwixxa r-rikorrent huwa iktar vicin l-istat originali taghha milli ticrita fis-saqaf u rimpjazzata b'materjal li certament ma harigx mill-manifattur!**

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-umli opinjoni illi d-decizjoni tal-Kumitat intimat ghandha tigi riveduta in vista ta' dak enuncjat hawn fuq u ghalhekk qieghed jannulla l-istess decizjoni.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni u jiddikjara li l-Kumitat intimat m'ghandu l-ebda personalita` guridika u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' l-appell tar-rikorrent u konsegwentement jichad l-eccezzjonijijiet rimanenti tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez a karigu tal-Awtorita` intimata.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Silvana Grech**
**Deputat Registratur**